



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Awwissu 2017 – Sigma Orionis vs REA

(Kawża T-47/16 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Klawżola ta’ arbitraġġ – Programm Qafas Horizon 2020 għar-riċerka u l-innovazzjoni – Deċiżjoni li l-pagamenti jiġu sospiżi u li kuntratti ta’ sussidju jiġu xolti wara awditjar finanzjarju – Sommom allegatament dovuti mir-REA fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta’ sussidju – Talba għad-danni – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza – Ibbilanċjar tal-interessi”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Fumus boni juris – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Natura kumulattiva – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni – Ordni ta’ eżami u metodu ta’ verifika – Setgħa diskrezzjonali tal-Imħallef għal miżuri provviżorji*

(Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 21-24)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni*

(Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE)

(ara l-punti 26, 27)

3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni – Talba għall-ġhoti ta’ miżura provviżorja intiża għall-ħlas immedjat mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) ta’ somma dovuta abbażi ta’ ftehim ta’ sussidju lil kumpannija li tinsab f’sitwazzjoni finanzjarja qrib il-falliment – Riskju prevedibbli ta’ telf irreversibbli tal-imsemmija somma għall-baġit tal-Unjoni – Assenza ta’ natura xierqa tal-miżura provviżorja mitluba*

(Artikoli 268 TFUE, 279 TFUE u 340 TFUE)

(ara l-punti 30-35)

4. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà – Interess ġuridiku – Dannu li diġà seħħ – Inammissibbiltà*

(Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156)

(ara l-punt 37)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għall-ħlas immedjat mir-REA ta' sommom abbażi tal-ftehim ta' sussidju "FET-Event"

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.